MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 630/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**KONTRA**

**SAMI BOUSLAMA**
**CHRISTIAN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sami Bouslama ta’ 18- il sena, bin Said u Josanne nee’ Darmanin mwieled fit- 13 ta’ Mejju 1992 Pieta’, residenti 8, Triq Antonio Agius, Floriana u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 250492(M);

U

Christian Zammit ta' 18- il sena fit- 28 ta' Dicembru 1991 Pieta', bin Vincent Ralph u Liane nee' Klisch, residenti f' 3 Breakpoint, Flat 5, Triq il- Brankutli, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 24292(M);

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer f' San Pawl il- Bahar fil- lejl ta' bejn il- 5 ta' Novembru 2006 u 6 ta' Novembru 2006 f' xi hin bejn is- 7.00pm u 12.00am b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti kkagunaw il- mewt ta' Alured Bouslama;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tatho, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza hu incident ikrah, involontarju u tragiku ghall-ahhar. Il-provi huma kollha migjuba fil-*proces verbal* esebit fl-atti, u l-Qorti m'hix ser tiddilunga fuq il-kaz innifsu, u anqas ma jintqal fuq l-incident, ikun ahjar ghal kulhadd. Il-Qorti tispera li l-imputati, li dak iz-zmien kienu ghadhom tfal, isibu l-ghinuna kollha mehtiega, kemm mil-familjari taghhom kif ukoll minn professjonisti li jassistuhom. Kien incident sfortunat ghall-ahhar li seta' halla anke lill-imputati stess fil-perikolu. Kien biss b'xorti

tajba li ma spiccawx vittmi huma wkoll flimkien mat-tifel l-iehor, li tilef hajtu tragikament.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------